t

Minuti tal-Laqgħa Nru. 25 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 16 ta' April 2014 fil-5.30 p.m.

| **Preżenti:** | il-Membri |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut<br>Is-Sur. Christian Falzon |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Inizjattivi tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Kunsill Lokali
5. Family Park
6. Tender Resurfacing Rural Allies
7. Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali
8. Jum Ħal Luqa
9. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
10. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvati.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Camilleri semma li fuq l-attivita sportiva ta' Jum Ħal Luqa huwa kien ikkuntattja lill Evan fuq l-kordinament imma s' issa dan ma kienx kellmu lura. Is-Sindku appella xorta biex jitkomplew il-preparamenti.

2.2 Il-Kunsillier Falzon semma li fis-17 ta' Mejju il-ground ta San Vincenż se jkun qed jintuża għall attivita. Is-Sindku issuġġerrixxa biex inkellmu lill-Iskola minħabba l-ground.

2.3 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq punt 2.2 tal-laqgha ta qabel. Is-Sindku qal li se napplikaw lill-Transport Malta sabiex issir U-Bar. Il-Kunsillier Caruana semma biex qabel naraw sewwa minħabba l-wisa tal-bankina.

2.4 Il-Kunsillier Camilleri semma wkoll fuq U-Bar oħra li hemm viċin ta fejn qed tkun proposta il-U-Bar quddiem l-OK Bar. Is-Sindku qal li din tista issir meta tkun se ssir il-U-Bar fejn l-OK Bar. Il-Kunsillier Camilleri semma li fuq din il-bankina anki jitilgħu vetturi, allura s-Sindku hawnhekk issuġġerrixxa biex tkun irranġata l-bankina minflok ma ssir il-U-Bar.

2.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa x kien ġara fuq il-ħajt li kellu jittella wara l-Iskola. Is-Segreatrju semma li huwa kien kellem lill-Perit Mariello imma dan ma kienx rġa kellmu lura. Is-Sindku talab biex jerġa ikun ikkuntattjat il-Perit.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ippreżneta email li kienet waslet mingħanad kumpanija bl-isem We Care fuq servizzi li dawn joffru. Huwa issuġġerrixxa biex inkellmu lill tad-Daycentre fuq dawn is-servizzi.

3.2 Is-Sindku ressaq email li waslet mill-MEPA dwar il-konsultazzjoni għar riforma fl-Ippjanar li qed issir sabiex il-Kunsilliera jattendu għal din il-laqgħa.

3.3 Is-Sindku tkellem fuq laqgħa li kellu daknihar stess mar-residenti minn Santa Luċija dwar żvillup li kien hemm ippjanat biex isir fejn hemm l-iskola sekondarja tal-bniet bħala dar għall anzjani. Huwa semma li f' din il-laqgħa kien hemm preżneti wkoll l-Onor. Dr. Jason Azzopardi mingġajr ma kien infurmat li dan se jattendi wkoll. Is-Sindku qal li huwa mhux kontra l-prinċipju ta dan l-iżvillup imma għandu jinstab post alternattiv billi din iż-żona hija ODZ, aparti l-fatt li hemm ukoll Wied Garnaw. Is-Sindku qal li jekk issir dan l-iżvillup jinħoloq preċedent u jiżdied aktar bini fiż-żona.

3.4 Is-Sindku ressaq dan l-item għal għażla tal-bqija tal-Kunsill fejn il-Kunsilliera preżenti urew diżapprovazzjoni għal dan l-iżvillup. Huwa qal biex għalhekk tintbagħat ittra lill-MEPA fuq il-pożizzjoni tal-Kunsill.

3.5 Il-Kunsillier Camilleri semma li dwar il-ħarġa li saret għall Għawdex huwa ma kienx infurmat fuqha. Is-Segretarju qal li dan mhux xogħolu biex huwa jinforma l-Kunsilliera fuq il-ħarġiet. Il-Viċi Sindku semma li din il-ħarġa kienet imsemmija f' laqgħa preċedenti li kellha issir.

## 4.0 INIZJATTIVI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA MILL-KUNSILL LOKALI

4.1 Is-Sindku qal li għat tieni sena reġgħet saret il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li kienet suċċess anki għal l-ammont ta nies li attendew.

4.2 Is-Sindku qal li din is-sena wkoll sar fuljett fejn kien hemm imniżżlin il-wirjiet relatatti mal-Ġimgħa l-Kbira li kien hawn Ħal Luqa bħala pubbliċita. Huwa semma li dan intlaqa tajjeb ħafna speċjalment mis-Soċjetajiet Mużikali.

## 5.0 FAMILY PARK

5.1 Is-Sindku qal li x-xogħol tal-Family Park jinsab miexi sewwa fejn anki tlestew l-aħħar ċnut li kellhom jitlestew u saret il-fence. Is-Sindku semma li issa dan il-proġett dalwaqt wasal biex jitlesta u jkun inawgurat.

## 6.0 TENDER RESURFACING RURAL ALLIES

6.1 Dwar it-tender biex isir ir-resurfacing tal-isqaqien is-Sindku semma li kien hemm tlett offerti fejn dawk li tefgħu l-offerta kellhom jitfgħu kollha skont l-istess specifications mitluba fit-tender. Fost l-offerti kien hemm dik ta Gaetano Spiteri li kienet l-ogħla offerta u ma ġietx short listed li kienet tammonta għall € 19,900. Iż-żewġ l-offerti l-oħra kienu ta Asfaltar Construction li tammonta għall € 18,265.50 u kien hemm dik ta Polidano Brothers Ltd li tammonta għall € 11,955.60.

6.2 Is-Sindku qal li peress li dawn ix-xogħolijiet mhux se jkunu qed jiġu assessed bħala kreattivita u rekwiżiti oħrajn kif kien hemm bħal dawk tat-tenders ta Ħal Farruġ huwa issuġġerrixxa biex immorru fuq l-aktar offerta vantaġġjuża diment li din tkun konformi mar-regolamenti tat-tendering procedures. Il-Kunsilliera kollha qablu fil-prinċipju ma dak li ppropona s-Sindku.

## 7.0 AMBAXXATUR TAL-KUNSILL LOKALI

7.1 Is-Sindku qal li t-terminu ta Trischia Falzon bħala ambaxxatur issa spiċċa peress li hija għalqet it-18 il-sena u għalhekk ma setgħetx tibqa aktar ambaxxatur ta' Ħal Luqa billi kienet qed tisostitwixxi lill-Raoul Briffa. Huwa semma li l-Kunsill kien approva lis-Sur. Raoul Briffa imma billi dan ma kellux l-eta eliġibbli ma setax jokkupa din il-kariga.

7.2 Is-Sindku u l-Kunsilliera reġgħu innominaw lill-Raoul Briffa għal din il-karig kif kien innominat preċedentament mill-Kunsill Lokali.

## 8.0 JUM ĦAL LUQA

8.1 Is-Sindku semma li bħal snin oħrajn il-Kunsill irid jerġa jinnomina persuni li jixraqilhom jingħataw Ġieħ Ħal Luqa. Is-Sindku ippropona li jkun hemm l-Avukat Joseph Sapiano u s-Saċerdot Dun Raymond Cassar.

8.2 Il-Kunsillier Carauana qal li meta naslu għal din l-għażla jistgħu ikunu ikkonsidrati bosta persuni li taw sehem lill-Ħal Luqa. Huwa semma li fost dawn il-persuni hemm anki ex-Kunsilliera li ħadmu f' leġislaturi preċedenti.

8.3 Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta li Ġieħ Ħal Luqa jingħata lill-Avukat Sapiano u Rev. Dun Raymond Cassar.

8.4 Is-Sindku semma li issa peress li kull ma jmur dejjem qed joqrob dan il-Jum ikun xieraq li ssir laqgħa sabiex inkunu nistgħu nikkordinaw bejn l-entitajiet involuti. Huwa issuġġeerrixxa l-ġurnata tat-23 t' April biex issir din il-laqgħa. Il-Kunsilliera semmew li se jkunu qed jattendu.

8.5 Is-Sindku semma li fuq l-applikazzjoni li kienet saret lill-GAL Xlokk din kien hemm appell fuqha li daħal id-Dipartiment tal-Kuntratti fuqha. Is-Sindku qal li issa dan il-każ ġie deċiż u jistgħu jitkomplew il-preparamenti u ssir attivita apparti. Is-Sindku semma wkoll li l-Każini jistgħu jieħdu sehem fl-attivita tal-GAL billi din ta Jum Ħal Luqa m' hemmx fondi biżejjed.

8.6 Kien hemm program propost fejn il-Ħamis 15 ta' Mejju jkun hemm quddiesa, il-ġimgħa ikla għal dawk il-persuni b' diżabilta, is-Sibt attivita sportiva u l-Ħadd korteo u attivita bil-karozzi. Is-Sindku ippropona biex ikun hemm €300 allokatti għal attivita tal-karozzi. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

8.7 Is-Sindku issuġġerrixxa wkoll li għandna nitkellmu ma tal-Iskola Primarja sabiex it-tfal jagħtu s-sehem tagħhom għal din l-attivita. Fuq is-Sibt is-serata se tkun ta varjeta u jkun hemm hemm narrazzjonijiet ukoll fuq il-passat ta' Ħal Luqa u qari ta poeżiji. Huwa qal li għal dawn in-narrazjonijiet hemm xi persuni li huma eliġibbli għal dawn in-narrazzjonijiet.

8.8 Is-Sindku qal li saru lapel badges ġodda li hemm miktub fuqhom b' rikonoximnent li dawn jistgħu jingħataw lill-dawk l-ex-Kunsilliera li taw sehem lill-Kunsill fil-passat.

## 9.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

9.1 Il-ħlasijiet ġew approvatti mill-Kunsilliera.

Ma kienx hemm items oħra fuq l-aġenda li kellhom jiġu diskussi, għalhekk din ġiet eżawrita. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Erbgħa 16 t' April 2014 fis-7.00 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2014.

______________________ ______________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv